**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 554/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Tristan Falzon**

**Illum 25 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Tristan Falzon, iben Carmelo u Georgina neè Spiteri, imwieled il-Pietà fit-23 ta' Lulju 1982, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 402382(M), talli bejn it-23 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa 144, Jose Lian, Triq Bellic, Qormi, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro (€232.94) izda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u li sar għad-detriment ta' Pierre Sammut u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukolli talli nhar is-26 ta' Awwissu 2018 ġewwa Triq Pinto, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer:

3. Kien kompliċi f'delitt ta' serq aggravat ta' vettura u oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, billi b'xi mod li jkun xjentement għen jew assissta lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew xewwex lil ħaddieħor inkella saħħah il-volontà tiegħu biex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassisstih, waqaf miegħu jew ikkompensah u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(d) u 42(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti mill-Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D. f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv meta ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Tristan Falzon u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali u ħamest elef Euro (€5,000) bħala depożitu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-Esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "RA1" u Dok. "RA2" a fol. 7 sa' 22 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Pierre Sammut[2] u ta' Francis Zammit[3] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Agius mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Settembru 2018[4] u ta' l-20 ta' Diċembru 2018[5] u rat is-sett ta' tmintax-il ritratt esebiti mill-Ispettur Roderick Agius markati Dok. "A" sa' Dok. "R" a fol. 32 tal-proċess u rat is-sentenzi esebiti minnu markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA3" a fol. 120 sa' 134 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Shaun Friggieri mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Settembru 2018[6], tat-23 ta' Ottubru 2018[7], ta' l-10 ta' Jannar 2019[8], tas-26 ta' Frar 2019[9], ta' l-20 ta' Mejju 2019[10], tal-15 ta' Lulju 2019[11] u ta' l-20 ta' Frar 2020[12] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SF1" sa' Dok. "SF7" a fol. 53 sa' 62 tal-proċess, Dok. "SFX" a fol. 72 tal-proċess[13], Dok. "SF" a fol. 88 u 89 tal-proċess, Dok. "SF1" a fol. 90 sa' 95 tal-proċess, Dok. "X" u Dok. "Y" a fol. 137 tal-proċess, Dok. "X" u Dok. "Y" a fol. 161 u 163 tal-proċess, Dok.

[1] Fol. 23 tal-proċess.
[2] Fol. 28 sa' 31 tal-proċess.
[3] Fol. 33 u 34 tal-proċess.
[4] Fol. 35 tal-proċess.
[5] Fol. 118 u 119 tal-proċess.
[6] Fol. 48 sa' 52 tal-proċess.
[7] Fol. 48 sa' 52 tal-proċess.
[8] Fol. 136 tal-proċess.
[9] Fol. 159 u 160 tal-proċess.
[10] Fol. 303 tal-proċess.
[11] Fol. 313 tal-proċess.
[12] Fol. 402 sa' 407 tal-proċess.
[13] Dan l-esebit kien ġie irtirat mill-atti proċesswali mill-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco u minnu ritornat flimkien mar-Relazzjoni tiegħu.

"X" a fol. 304 u 305 tal-proċess u Dok. "X" a fol. 314 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Brian Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta[14] u ta' John Sacco, rappreżentant ta' Citadel Insurance[15] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018 u rat id-dokument markat Dok. "BF" esebit minn Brian Farrugia a fol. 68 sa' 70 tal-proċess u d-dokument markat Dok. "JS" esebit minn John Sacco a fol. 73 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Marnie Muscat, rappreżentant ta' Vodafone Malta Limited, mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018[16] u rat id-CD u d-dokument esebiti minnha markati Dok. "MM"[17] u Dok. "MM2" a fol. 78 u 79 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Jamal El Badawi mogħtija waqt is-seduti tal-31 ta' Ottubru 2018[18] u tal-15 ta' Novembru 2018[19] u rat l-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija markata Dok. "SF2" a fol. 101 u 102 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Fabian Fleri mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2018[20] u rat id-Digriet tal-Qorti Kriminali datat 19 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tristan Falzon" esebit minnu markat Dok. "FF" a fol. 104 sa' 113 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Denis Zammit[21] u ta' Joseph Spiteri[22] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, semgħet ix-xhieda ta' John Mifsud mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2019[23] u semgħet ix-xhieda ta' PS954 James Mangion[24], PS1240 Joseph Camilleri[25] u PC208 Brian Fenech[26] mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019 u rat id-dokument Dok. "JM" a fol. 188 sa' 191 tal-proċess, id-dokument Dok. "JC" a fol. 194 sa' 197 tal-proċess u d-dokument Dok. "BF" a fol. 201 sa' 210 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Josemar Borg[27] u ta' l-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco[28] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019 u rat ir-Relazzjonijiet ta' l-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco markati Dok. "SFS1" u Dok. "SFS2" a fol. 220 sa' 302 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' George Gatt mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019[29], semgħet ix-xhieda ta' Anthony Balzan mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019[30] u x-xhieda ta' Dr. Susan Cassar mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2019[31] u rat id-dokumenti Dok. "SC1" u Dok. "SC2" a fol. 340 sa' 367 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Renald Baldacchino[32] mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2019;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Jamal El Badawi datat 15 ta' Novembru 2018[33];

Rat id-Digriet datat 21 ta' Novembru 2019 a fol. 370 sa' 373 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Diċembru 2019[34] permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

---

[14] Fol. 67 tal-proċess.
[15] Fol. 72A u 72B tal-proċess.
[16] Fol. 76 u 77 tal-proċess.
[17] Dok. "MM" kien ġie rtirat mill-atti proċesswali mill-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco u minnu ritornat flimkien mar-Relazzjoni tiegħu.
[18] Fol. 80 u 87 tal-proċess.
[19] Fol. 97 sa' 100 tal-proċess.
[20] Fol. 103 tal-proċess.
[21] Fol. 139 u 140 tal-proċess.
[22] Fol. 141 sa' 143 tal-proċess.
[23] Fol. 149 sa' 158 tal-proċess.
[24] Fol. 186 u 187 tal-proċess.
[25] Fol. 192 u 193 tal-proċess.
[26] Fol. 198 sa' 200 tal-proċess.
[27] Fol. 214 sa' 217 tal-proċess.
[28] Fol. 218 u 219 tal-proċess.
[29] Fol. 309 sa' 311 tal-proċess.
[30] Fol. 319 u 320 tal-proċess.
[31] Fol. 338 u 339 tal-proċess.
[32] Fol. 374 sa' 381 tal-proċess.
[33] Fol. 114 tal-proċess.
[34] Fol. 383 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 42(d)(e), 261(ċ)(e)(f), 267, 269(g), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 42(d)(e), 261(e)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2020[35] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u konsegwentement inqraw l-Artikoli;

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2021[36] l-istadju tal-provi tad-Difiża ġie dikjarat magħluq;

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021[37] il-Prosekuzzjoni u d-Difiża rrimettew ruħhom għall-atti u qablu li l-kawża tista' tibqa' għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli bejn it-23 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa 144, Jose Lian, Triq Bellic, Qormi, u f'dawn il-Gżejjer: (1) flimkien ma' persuni oħra ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur li jeċċedi l-€232.94 izda ma jeċċedix €2,329.37, u bil-ħin u li sar għad-detriment ta' Pierre Sammut u/jew persuni oħra; (2) u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Ukoll talli nhar is-26 ta' Awwissu 2018 ġewwa Triq Pinto, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer: (3) kien kompliċi f'delitt ta' serq aggravat ta' vettura u oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, billi b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew xewwex lil ħaddieħor inkella saħħah il-volontà tiegħu biex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassisstih, waqaf miegħu jew ikkompensah u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(d) u 42(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; U aktar talli: (5) fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja impost mill-Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D. f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta; (6) talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv meta ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

---

[35] Fol. 385 tal-proċess.
[36] Fol. 443 tal-proċess.
[37] Fol. 445 tal-proċess.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Diċembru 2019[38], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 42(d)(e), 261(ċ)(e)(f), 267, 269(g), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 42(d)(e), 261(e)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.**

Kif appena osservat, fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih l-imputat qed jiġi akkużat talli bejn it-23 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa 144, Jose Lian, Triq Bellic, Qormi u f'dawn il-Gżejjer flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur li jeċċedi €232.94 izda ma jeċċedix €2,329.37 u bil-ħin u li sar għad-detriment ta' Pierre Sammut u/jew persuni oħra. Minn Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali jirriżulta li skont l-istess Avukat Ġenerali, din il-Qorti tista', anzi għandha, a bażi tal-provi prodotti, issib ħtija fl-imputat skond l-Artikoli 42(d)(e), 261(ċ)(e)(f), 267, 269(g), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar dan ir-reat li bih qed jiġi akkużat l-imputat xehdu diversi persuni, ossia:

L-allegata vittma **Pierre Sammut**[39], illi ddikjara li lejn l-aħħar ta' Awwissu 2018, bħala ġranet kien bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa, huwa kien miżmum f'garage, fi kliemu stess *sew fuq telf ta' ħajti u telf ta' dari*. Peress illi huwa diabetiku, waqt li kien hekk miżmum ġewwa dan il-garage, huwa talab li ċertu Renald, magħruf bħala Il-Garru sabiex mid-dar tiegħu jġibulu l-insulina u li kien bagħat lil Tristan Falzon, li għaraf bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri, biex iġibielu. Huwa kompla jgħid illi *ntbagħat għall-insulina għax jien naf lilu* (ossia lill-imputat) *u bgħatt lilu għall-insulina, kien hemm xi sgass, dan l-isgass ma nafx min għamlu għax jien kont miżmum ġol-garaxx, għax qaluli tal-Forensika li kien hemm xi sgass u tteħduli affarijiet minn ġo dari li kienu jiswew il-flus*. Iddikjara li dawn l-affarijiet itteħdulu mis-siegħa ta' filgħodu 'l hemm tal-Ġimgħa u li *peress li jafni* (l-imputat) *mill-familja u hekk u jaf fejn noqgħod, ħa l-go ahead mingħand l-ieħor … mingħand Al Capone imbierek Alla, u bgħattu jiena personali għax jiena fdajt lilu hux. … Ngħidlek li daħal Ivan Galea żgur, magħruf bħala s-Sistu, il-Balsen, għax x'ħin ġew lura ir-reaction tal-Balsen għaraftha, għedtlu "x'ġara? Ġejt misurq minn dari jiena hux?" Għaraftha r-reaction.* Mistoqsi jekk l-imputat kienx l-unika persuna li daħal fid-dar tiegħu, Pierre Sammut wieġeb *le ta żgur li le. Issa jekk jista' jiddiskrivihomlok hu. … Apparti Ivan Galea u lil min għedtlek jiena, ma stajtx nara, daqskemm nista' nara x'hemm barra issa. Issa nixtiequ jikkonferma hu n-nies li kienu kollha.* Mistoqsi x'ħadulu mid-dar tiegħu u kemm jiswew dawn l-oġġetti, Pierre Sammut wieġeb *inkwatri, bombli ta' l-art u anki ta' fuq l-affarijiet, inkwatri ta' pittura, inkwatri f'kobor kbir u inkwatri ta' kobor żgħir. … Jiswew il-flus imma ma nafx eżatt kemm huma, bħalissa moħħi mhux qiegħed hemm biex nagħmel il-kalkoli ta' l-affarijiet kollha. … Bejn wieħed u ieħor l-affarijiet mhux dejjem jiswew elf Ewro.* Muri sett ritratti ta' diversi oġġetti - Dok. "A" sa' Dok. "R", a fol. 32 tal-proċess, Pierre Sammut għaraf li dawn kienu kollha oġġetti tiegħu. Xehed ukoll illi dawn l-oġġetti kienu nstabu fil-garaxx Tal-

[38] Fol. 383 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 28 sa' 31 tal-proċess.

Garru, l-istess garaxx fejn kien qed jiġi miżmum hu, u li *ħadthom lura qegħdin l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi.*

Fix-xhieda tiegħu fir-rigward ta' l-imputat, Pierre Sammut xehed illi *Tristan Falzon għandu problema tad-droga, din il-problema ġieli kelli jiena u għandi jiena, vittmi, u minn familja sewwa u kieku ma kienx dak ir-raġel kieku jiena minix hawn illum. Għax dak ir-raġel fost ħafna affarijiet ħżiena li għamel, bil-problemi tad-droga, dak ir-raġel kien hu li għeni biex noħroġ minn dan il-garaxx. ... intbagħtu ma' ċertu Balsen bil-laqam Toni. Dawn wasslu lil Tristan Falzon, wieħed il-Balsen u kien hemm Ivan Galea u hawn nixtieqek tieħu passi fuqhom, Ivan Galea magħruf bħala s-Sistu Ħal-Qormi, il-Balsen, Toni ma nafx x'kunjomu, l-Ispettur ta' Ħal-Qormi jafu, u min ittieħed mħaghom iktar dakinhar ma nafx, imma jiena lil Tristan Falzon irrid naqilgħu minn din l-akkuża, qiegħed imkisser u ma nixtieqx inkissru aktar. ... Li kieku ma kienx hu jiena jew tlift dari jew l-iktar ħaġa li għandna prezjuż kull wieħed minna li hawn hawn ġew, il-ħajja, għax dawn riedu jeħduli ħajti. Hu kien ilu jipprova għax dan il-garaxx fih ħafna serraturi, fih ħafna ktajjen, fih l-għassiesa mal-bieb ta' barra u mhux ħa taqbad u titlaq hekk. Jiena persuna obese u ma nistax niġri u kien hu li kien ilu jgħidli "ħa nħallihomlok dawk" għax il-garaxx jiffrekwentaw ħafna nies deħlin u ħerġin, minn ġurnata bdiet ġejja għal filgħodu, il-moħħ beda jbatti tan-nies li kien hemm ġew.*

**L-Ispettur Roderick Agius**[40], illi ddikjara li *nhar il-25 ta Awwissu jiena kont ġejt infurmat mill-Ispettur Shaun Friggieri li dan kien qed jinvestiga każ ikkumplikat u li dan kien jinvolvi ħafna nnies f dan il-każ. Prattikament huwa qal li kien hemm persuna illi nhar l-24 ta Awwissu marret tagħmel rapport ġewwa l-Għassa illi kienet qed tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha ġewwa garaxx u filwaqt li kienet qed tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha ġewwa dan il-garaxx, kienu għamlu serqa mir-residenza ta dan l-istess peruna. Fost nies oħra, is-Sur Friggieri kien infurmani li kien hemm Tristan Falzon, li jiena qed nagħraf hawnhekk fl-Awla illi kien involut f din is-serqa. Huwa qal li skond xhieda okulari rriżulta li s-Sur Tristan Falzon kien daħal ġo din id-dar tas-Sur Pierre Sammut u kien ħa xi oġġetti bħal bombli tal-fuħħar, inkwatri u affarijiet minn dawn. Is-Sur Friggieri kien qal li kien ħa stqarrija lis-Sur Tristan Falzon imma kien irrilaxxah bil-Police Bail minħabba li kien hemm involviment qawwi ta diversi nies u kienet ser tieħu naqra fit-tul l-investigazzjoni.*

**L-Ispettur Shaun Friggieri**[41], illi ddikjara li *ġie ċertu persuna Pierre Sammut nhar l-24 ta Awwissu 2018 għall-ħabta tat-tmienja ġewwa l-Għassa Ħal-Qormi li għall-ewwel beda jallega li kien ġie miżmum ġewwa garaxx u għaldaqstant ċempluli. Jiena kont nieżel għall-Għassa ta' Ħal-Qormi fejn bdejt nitkellem ma dan il-persuna fejn irriżulta wkoll li xi ħadd kien daħal jirrapporta għall-ħabta ta xis-sebgħa ta filgħodu li Pierre Sammut kien qiegħed miżmum kif ukoll li r-residenza tiegħu ġiet misruqa. Il-Pulizija marret flimkien ma Pierre Sammut fuq il-post tar-residenza, fejn ikkonfermat li kien hemm il-bieb qiegħed miftuħ, tħalla fixed point hemmhekk sakemm ikunu jistgħu jiġu tal-Forensic fuq il-post u bgħatt xi nies ma Pierre Sammut il-Polyclinic peress li kellu xi injuries waqt li kien ġewwa l-garaxx. Wara li lesta mill-injuries u ġabli ċertifikat, jiena tħaddidt naqra miegħu fejn tani spjegazzjoni ta x kien qed jiġri rigward dan il-każ kollu. Bażikament Pierre Sammut mar fuq il-post tar-residenza fejn identifika li kien hemm xi diversi affarijiet bħal frames u vażuni li kienu misruqin minn ġor-residenza tiegħu. Ħadmu ma tal-Forensic u reġgħu ġew fl-uffiċju tiegħi. Jiena dakinhar kont bgħatt għal diversi nies li kienu jinsabu ġol-garaxx minħabba l-fatt li jiena ġibt search and arrest warrant fuq il-persuna li kien qed jallegali li dan kien qed iżommu kontra l-volontà tiegħu, għaldaqstant morna u għamilna*

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 35 u 36 tal-proċess.
[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 48 sa' 52 tal-proċess.

*raid ġo dan il-garaxx li kien jinsab fi Triq il-Mejjilla, Ħal-Qormi. Il-post kien ta' ċertu Renald Baldacchino. Meta morna hemmhekk, Renald Baldacchino kien ġie arrestat kif ukoll kull min kien hemm hemm ġew, jiena żammejtu biex inkun nista nkellmu. Tkellimt mas-Sur Tristan Falzon, li qed nidentifika li qiegħed hawnhekk fl-Awla. ... Jiena kellimtu rigward is-serq tar-residenza minħabba l-fatt li s-Sur Pierre Sammut spjegali istanza waqt li kien qiegħed ġol-garaxx, li s-Sur Falzon x'ħin daħal ġewwa l-garaxx, kien rah li kien qiegħed isofri u bl-għaraq nieżel minnu u kien talbu sabiex iġiblu l-insulina minn ġewwa d-dar tiegħu. ... is-Sur Pierre Sammut li kien qiegħed ġol-garaxx, ħiereġ l-għaraq minnu għaliex kellu bżonn l-insulina, beda jitlob sabiex imur iġib l-insulina fejn is-Sur Tristan Falzon talbu, anzi qallu, "ħa nagħmillek pjaċir u ħa mmurlek jiena għall-insulina". ... irriżulta li mar iġibha hu. Is-Sur Sammut spjegali wkoll li dak il-ħin kien hemm ċertu tnejn min-nies oħra li kienu ċertu Toni magħruf bħala Toni Balsen peress li huwa Anthony Balzan, kif ukoll ċertu persuna magħruf bħala Is-Sistu kif ukoll Tristan Flazon li dawn telqu minn ġewwa l-garaxx sabiex imorru, sa fejn jaf hu iġibulu l-insulina. ... Dan il-kliem qaluli l-complainant li huwa Pierre Sammut. Is-Sur Sammut kompla stqarr li eżatt x'ħin ġew lura, is-Sur Anthony Balzan deher naqra imfixkel u skond kliemu deher li kien iddispjaċieh. X'ħin ra hekk, is-Sur Sammut qal lil Balzan jaqaw x għamiltuli?" u qallu xejn", qallu sraqtuli xi ħaġa jaqaw?" u qallu le aħna ġibnilek l-insulina". Fuq hekk jiena kellimt kemm lis-Sur Balzan kif ukoll lis-Sur Tristan Falzon fejn nhar il-25 ta Awwissu 2018, ingħatatlu s-solitu twissija* – l-Ispettur Friggieri ppreżenta Dikjarazzjoni ta 'Rifjut tal-Jedd għall-Parir Legali ta 'l-imputat u stqarrija rilaxxata mill-istess imputat markati Dok. "SF1" u Dok. "SF2" a fol. 53 sa '55 tal-proċess.

L-Ispettur Shaun Friggieri ddikjara ulterjorment illi *s-Sur Falzon ikkollabora mal-Pulizija fis-sens li spjega li vera mar sabiex iġib l-insulina biss però kien hemm ċertu Renald Baldacchino li qabbdu jġiblu ċertu frames u vażuni li kien hemm id-dar ... tas-Sur Pierre Sammut. Is-Sur Falzon spjega li dawn l-affarijiet kienu qegħdin viċin il-bieb ta barra u għaldaqstant x'ħin marru hemmhekk, dan ġabarhom, għabbiehom fil-bagoll flimkien ma Toni Balzan kif ukoll ma persuna oħra magħrufa bħala Is-Sistu u kollha kemm huma għabbewhom ġewwa l-karozza, ġab l-insulina u reġgħu niżlu lura l-garaxx. X'ħin spjegajtilhom x għamlu bihom, dawn qaluli li ħallewhom fil-bagoll u ma ħarġuhomx mill-bagoll. Tajjeb illi nirrimarka li s-Sur Pierre Sammut kien għadu ġol-garaxx ... waqt dan kollu miżmum kontra l-volontà tiegħu li skond kif qed jiġi allegat, minn ċertu Renald Baldacchino. ... Jiena komplejt l-investigazzjoni tiegħi fejn tkellimt ukoll ma' ċertu Anthony Balzan li kkollabora mal-Pulizija u tani wkoll il-verżjoni ta l-akkadut kif ukoll komplejt l-investigazzjoni tiegħi. ... Ir-rapport li daħal filgħodu meta kienu rrappurtaw li kien hemm is-Sur Pierre Sammut li kien qiegħed miżmum ġo garaxx kif ukoll kienu raw ir-residenza ta Pierre Sammut tiġi misruqa, irrappurtalna ċertu Jamal Albadawi fejn hu sostna li ra xi tlieta minn nies neżlin minn ġewwa l-vettura fejn irrimarka li fost wieħed minnhom kien hemm Tristan Falzon kif ukoll Renald Baldacchino u semma lil xi ħadd ċertu wieħed Is-Sistu. ... Sa' fejn naf jien s issa għadu ma rriżultax jew cioè rriżulta li kien hemm li rahom biss però ma wasaltx għall-persuna eżatti li rahom ukoll fuq il-post. ... L-investigazzjoni kompliet serja billi tkellimt mas-Sur Toni Balzan fejn tħalliet stqarrija ta l-affarijiet li kien ġara dakinhar u sostna miegħi li hu ma kienx niżel mill-vettura iżda kien baqa' ġewwa l-vettura fejn niżlu ċertu Tristan Falzon kif ukoll ċertu wieħed magħruf bħala Is-Sistu, niżlu minn ġewwa l-vettura u eżatt x'ħin ġie biex iġibu l-insulina quddiem id-dar ta Pierre Sammut, dawn għal xi raġuni fetħu l-bagoll ta wara, għabbew xi ħaġa, biss però x'ħin daħlu ġewwa l-vettura, is-Sur Balzan kompla jikkonferma li daħlu bl-insulina f idejn Tristan Falzon. X'ħin spjegajtlu x setgħu għabbew fuq wara għall-bidu hu qalli li ma setax jara minħabba li kien hemm il-bagoll miftuħ. Jiena erġajt bgħatt għas-Sur Pierre Sammut fejn ħadtlu inventarju eżattament ta l-affarijiet li kienu ttieħdulu għar-raġuni li jkun jista jidentifika iktar l-oġġetti bħala frames u l-vażuni x kienu fejn hallieli inventarju ta l-*

*affarijiet li ġew misruqa bid-dettal fejn fosthom kien hemm frame li kien fih żewġ anġli jew inkella frame indurat bid-deheb mingħajr ebda disinn mad-dawra li kien fih xi ħaġa fuqu kif ukoll il-važuni bil-mod tal-kulur u l-affarijiet li kien fihom. Jiena bgħatt lin-nies flimkien mas-Sur Renald Baldacchino ġewwa r-residenza tiegħu minħabba l-fatt li waqt li kienet qed issir is-search l-ewwel ġurnata kienu spjegawli li kienu raw affarijiet li jistgħu jkunu identiċi għal dawn l-affarijiet li qed jiġu allegati misruqa fejn inġabru xi affarijiet li kienu jaqblu eżatti ma  l-inventarju li kien ħallielna s-Sur Pierre Sammut u rriżultaw li kienu tiegħu u ġew misruqa minnu f dan l-akkadut. Ta  dawn l-affarijiet jiena ħadt ritratti u bgħatthom lill-FSL biex ikunu jistgu jiġu esebiti formalment fejn qed nagħraf diversi ritratti li hawn kemm tal-frames kif ukoll tal-važuni u dawn nikkonferma li ħadthom jiena u huma l-affarijiet li ġew meħudin minn ġol-garaxx li jappartjeni lis-Sur Renald Baldacchino li jinsab fi Triq il-Mejjilla, Ħal-Qormi. Ta  dawn l-affarijiet ingħatat riċevuta lis-Sur Renald Baldacchino minħabba li ttieħdu minn ġewwa l-proprjetà tiegħu fejn minn hemmhekk ser jiġu preżentati minħabba li hemm Renald Baldacchino mressq fuq riċettazzjoni.*

In kontro-eżami u b'referenza għall-fatt dwar jekk fl-istqarrija tiegħu l-imputat kienx qal min kien għabba l-oġġetti u affarijiet li ttieħdu mid-dar ta' Pierre Sammut, l-Ispettur Shaun Friggieri wieġeb li l-imputat qalilhom *li kien hemm xi affarijiet isfel fejn il-bieb biex inġibuhom u dawn huma važuni u erba' frames. Jiena kont mort flimkien ma' Toni l-Balsen kif ukoll Ivan Is-Sistu fejn inżilna minn ġewwa l-Jaguar li kien qed isuq Toni u għabbejna l-važun u erba' frames ġol-bagoll. ... Il-mistoqsija ma kenitx dak il-frame min għabbieh u dak min għabbieh, il-mistoqsija kienet għax "il-Pulizija qed tinvestiga dan il-każ li kellimtek fuqu li ġara bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu fejn inti kont qiegħed għand ċertu wieħed magħruf bħala l-Garru ġewwa Triq il-Mejjilla u mort ma' xi nies id-dar ta' Pierre, x'għandek xi tgħid dwar dan?" ... L-istatement ikompli fil-paġna ta' wara għax tkompli l-istqarrija fil-paġna a fol. 55 "dan jiena qatt ma bsart li konna qed nisirquhom u dan għaliex kont mingħalija li Pierre kellu jagħti xi flus lill-Garru minħabba d-droga, allura ħsibt li għamlu xi ftehim bejniethom li ma nafx bih".* Fir-rigward tar-rapport li Pierre Sammut għamel mal-Pulizija, l-Ispettur Friggieri ddikjara *ir-rapport kien rigward is-serqa li kellu s-Sur Sammut meta qed jagħmel specification għar-rapport, wieħed qed jagħmel rapport għal dak li nsteraqlu; fl-ebda ħin qatt ma kien hemm xi istanza fejn dan semma' li ġieli nsterqulu qabel u ġieli nsterqulu wara u kien hemm xi dan li nsterqu fi żminijiet differenti.* Mistoqsi għalfejn ma ġewx elevati *fingerprints* mill-bieb tar-residenza ta' Pierre Sammut u ma sarx konfront ma' l-impronti diġitali ta' l-imputat, l-Ispettur wieġeb *għax fuq il-post min-naħa tal-forensic irriżulta fin-negattiv u għaldaqstant kemm fingerprints u any forensic evidence ma setgħatx tittella' minn fuq il-proprjetà.*

**Jamal El Badawi**, illi xehed darbtejn, ossia waqt is-seduta tal-31 ta 'Ottubru 2018[42] u waqt is-seduta tal-15 ta 'Novembru 2018[43]. Fis-seduta tal-31 ta 'Ottubru 2018 dan Jamal El Badawi xehed dwar kwistjoni li kellu ma ċertu persuna bil-laqam Il-Garru, li kien imexxi ċirku tad-droga, u li kif minħabba din il-kwistjoni Pierre Sammut, ħabib tiegħu u li dak iż-żmien kien qed joqgħod għandu, ossia Jamal El Badawi joqgħod għand Pierre Sammut, kien *issawwat, ġie misruq, talbuh ħafna flus lilu u żammewh hostage biex iħallas il-flus li ħadt jiena dawk il-ħames mitt Euro jew l-erba  mitt Euro.* Xehed li dan sar jafu għaliex in-nies jibdew jitkellmu u mistoqsi kif kien jaf li Pierre Sammut safa 'misruq, wieġeb *għax jiena rajthom filgħodu, rajt tliet persuni jidħlu d-dar ta  Pierre għax peress li jiena ma kellix fejn noqgħod kellu qisha faċċata qisha fejn noqgħod qisu speċi. Dakinhar kienet ħafna xita u rajt tliet persuni li daħlu d-dar ta  Pierre u jiena ma stajtx nidħol magħhom għax jiena kont akkużat nimmaġina f din il-ħaġa biex ma jaqbdux lili. Sibt lill-Garru lil dan li*

[42] Fol. 80 sa' 87 tal-proċess.
[43] Fol. 97 sa' 100 tal-proċess.

*għamiltlu hekk u tnejn oħra li ma nafhomx, wieħed minnhom naf li kien twil u l-ieħor ma rajtux. … Dawn li daħlu ġod-dar ta  Pierre, sirt naf għax rajthom jiena b għajnejja u jekk iġġibhom quddiemi forsi nagħrafhom. … Ħadu affarijiet minn ġod-dar, vażuni, inkwatri u affarijiet u ġie misruq dan it-tifel.* Mistoqsi x'ra eżatt, Jamal El Badawi wieġeb *rajt tliet persuni jinżlu minn karozza Jaguar iswed jew aħdar.* Mistoqsi ta' min kienet din il-Jaguar, El Badawi wieġeb li hija Tal-Garru u li  jagħmel użu minnha l-istess Garru u persuna oħra li però ma jafx min  hu. Xehed illi din il-vettura waqfet *quddiem il-bieb ta' Pierre u rajt it-tliet minn nies jidħlu bis-saħħa qishom deħlin għall-ġlied, daħlu ma sabu xejn imma ħarġu b'affarijiet oħra materjali. … Dawn l-affarijiet kienu bħala inkwatri, vażuni li kienu jiswew ħafna flus, armi antiki minn dawn li jżejnu bihom u l-iktar li rajt inkwatri u vażuni għax peress li huma kbar jagħtu fl-għajn rajthom eżatt. Jiena ma stajtx inkellimhom għax peress li kont għamilthom din il-biċċa xogħol iduruni tlieta.* Mistoqsi kif seta' jarahom, Jamal El Badawi wieġeb *faċċata tagħhom fuq il-lemin fejn hemm qisha triq u fil-kantuniera hemm id-dar ta' Pierre. Hawnhekk jekk tkompli t-triq hemm triq oħra u hemmhekk kont jiena fejn huma ma setgħux jarawni imma jiena rajthom għax kont wara l-karozzi jiena u kont naf li mhux jġibulu biex itaqqbuh għax għandu z-zokkor għax rajt l-affarijiet niżlin. … Daħħlu u kien hemm tlieta. … jekk daħlu fl-isgassar ma nafx u jekk daħlu kissru l-bieb ma nafx però daħlu u ħarġu l-affarijiet għax rajthom żgur.*

*M*uri s-sett ta' ritratti ta' l-oġġetti misruqa, Jamal El Badawi għaraf l-affarijiet kollha f'dawk ir-ritratti bħala appartenenti lil Pierre Sammut. Mistoqsi jgħid min kienu l-persuni li ra ħerġin mingħand Pierre Sammut bl-oġġetti f'idejhom, Jamal El Badawi wieġeb *dawn tlieta kienu, wieħed kien Il-Garru, l-ieħor kien mingħalija għax minix ċert Johann wieħed twil u l-ieħor ma nafx għax kien qed isuq.* Mistoqsi jekk fl-Awla dakinhar li kien qed jixhed għarafx lil xi ħadd minn dawn it-tlieta min-nies, El Badawi wieġeb *ma nafux* u qal li ma kien qed jagħraf lil ħadd mit-tlett persuni li kienu fil-karozza. Fir-rigward ta' l-imputat li għarfu bħala persuna bil-laqam Il-Fox, Jamal El Badawi ddikjara li jafu għaliex ġieli raqad għand Pierre Sammut u ddikjara ulterjorment li *ma nafx kienx magħhom* (it-tlieta li daħlu għand Pierre Sammut) *jew le għax jiena ma rajtux, m'għandix ideja però kien jgħix magħna għand Pierre dan.* Rinfaċċjat bil-fatt li fi stqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija kien qal li fil-fatt wieħed mill-persuni li kien ra dakinhar ħerġin bl-affarijiet mid-dar ta' Pierre Sammut kien l-imputat, Jamal El Badawi wieġeb *m'għandix ideja ma niftakarhiex din.* Qal ukoll li vera tkellem mal-Pulizija imma mhux fuq dan il-każ.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018, Jamal El Badawi ġie muri l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Pulizija fl-24 ta' Awwissu 2018 - Dok. "SF2" a fol. 101 u 102 tal-proċess. Fl-imsemmija stqarrija fir-rigward tas-serqa mid-dar ta' Pierre Sammut, Jamal El Badawi kien iddikjara li *jiena naf lil ċertu Pierre Sammut, kif ukoll ngħix għandu sakemm nidħol programm nhar it-Tnejn li ġej. Sal-bieraħ stess dan il-bniedem ma tfattxax u ġejt nagħmel rapport ħabba li ma ġiex id-dar. … Jiena ngħid li dan il-bniedem cioè Pierre rajtu l-aħħar nhar it-23 ta' Awwissu, għall-ħabta ta' xi nofsinhar sad-9 ta' filgħaxija, jien mort miegħu biex jixtrili biċċa 'smoke', fejn malli daħal hu, min kien hemm ġewwa għalaq il-bieb u ħallieni barra smajt diversi għajjat kif ukoll ħoss li xebbaħtu ma' sparatura. Niftakar ukoll li smajt lil Pierre jgħajjat imbagħad ma smajt xejn aktar. Jiena mxejt sal-ġnien li jinsab fil-ġemb ta' Triq il-Mejjilla, fejn intfajt fuq bank u kulant kont nitawwal jekk nara lil Pierre ħiereġ. Jiena niftakar li kont mort viċin id-dar tiegħu hemm ġnien u ntfajt hemmhekk, sakemm saru it-3:30 ta' filgħodu ta' llum fejn ġejt nistaqsi għalih l-Għassa fuq dak li seta' ġara. … irqadt fil-ġnien, jiena niftakar li għal xi 6:30a.m. jew wara, rajt karozza Jaqguar sewda ipparkjata fejn id-dar ta' Pierre cioè fi Triq Bellic, Ħal-Qormi, li kienu qed jisirqu xi vażun kbir, dawn kienu l-Garru kif ukoll Johan u wieħed bil-laqam Tal-Fox. Jiena mingħalija li l-Garru kien qed isuq. Dawn tellaw il-vażun ġol-karozza u telqu bih fejn ġejt l-Għassa nirrapporta dak li ġara.*

Mistoqsi dwar din l-istqarrija u mfakkar f'dak li qal dwar din is-serqa mid-dar ta' Pierre Sammut, Jamal El Badawi kkonferma dak minnu ddikjarat *mija fil-mija*. Muri d-dokument Dok. "SF2", Jamal El Badawi kkonferma li dik hija l-istqarrija tiegħu u ikkonferma l-kontenut tagħha. In kontro-eżami ddikjara li huwa kien *100% meta tajthom l-istatement.* Iddikjara li dakinhar kien ħa xi pilloli li kienu *Stratera u Villafaxine għaliex jiena peress li qed inbati mill-ADHD biex inkun 100% ma' l-Ispettur kollox kif suppost u tlabt il-permess tiegħu u ċċekkjaw il-kaxxi x'inhuma u tawhomli.*

Dan Jamal El Badawi in risposta għall-mistoqsija jekk xehdx kif xehed fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, ossia li ma kienx għaraf lill-imputat bħala wieħed mill-persuni li kien hemm fid-dar ta' Pierre Sammut qed jieħdu l-affarijiet minn hemm, għaliex kien qed jibża' li jiġrilu xi ħaġa, iddikjara *jiena mhux għalija għaliex jiena l-ħabs nagħmlu rasi 'l isfel però il-familja ma għandhiex x'taqsam. Jiena qed nipprova nfiq minn dan il-vizzju li għandi.*

**PS954 James Mangion**[44] illi xehed li: *nhar l-24 ta' Awwissu tas-sena 2018, irrappurtaw fl-Għassa ta' Ħal-Qormi ċertu Jamal El Badawi u Carlos Galea fejn ir-rapport, beda illi għandhom ħabib tagħhom ċertu Pierre Sammut li kien missing. Dawn komplew jgħidu li lejliet li għamlu r-rapport ġo Ta' Qali kienu fid-dar ta' Pierre u marru l-isptar biex jaraw lil missier Pierre. Imbagħad ghall-habta ta' nofsinhar marru ġo garaxx fi Triq il-Mejjilla magħruf bħala Tal-Garru sabiex Pierre jixtri xi ħaxixa. Huma komplew jgħidu illi dak il-ħin il-Garru fetaħlu lil Pierre, daħħlu ġewwa, għalqilhom il-bieb f'wiċċhom u kull ma semgħu kien għajjat u biki ġej minn ġewwa. Carlos u Jamal stqarrew imbagħad li minn dak il-ħin lil hemm ma semgħu xejn iktar imbagħad l-għada filgħodu (jiġifieri dakinhar li għamlu r-rapport) fl-24 ta' Awwissu tas-sena 2018 għall-ħabta tas-6 ta' filgħodu kienu jinsabu fi Triq Bellic f'Ħal-Qormi eżattament fir-residenza ta' dan Pierre li r-residenza tiġi 144, Triq Bellic, Ħal-Qormi u dawn stqarrew illi fir-residenza ta' Pierre raw lil Garru, ċertu Tristan Falzon u persuna oħra li dak il-ħin ma għarfuhiex u qalu li rawhom jisgassaw il-bieb tad-dar u joħorġu b'xi affarijiet prezzjuzi minn hemm bħal vażuni. Dak il-ħin dik kienet l-istqarrija tagħhom. Jiena flimkien mal-Pulizija tiegħi rrikorrejt fuq il-post fejn sibt li l-bieb veru kien miftuħ u dak il-ħin ħallejt lil WPC 84 fixed point għaliex jiena kont xogħol sad-9 u l-għada kelli ġurnata leave u jiena imbagħad għaddejt ir-rapport lis-Surġent li daħal warajja PS1240.*

PS954 James Mangion esebixxa wkoll ir-Rapport li xehed dwaru markat Dok. "JM" a fol. 188 sa' 191 tal-proċess.

**PS1240 Joseph Camilleri**[45] illi xehed li *fl-24 ta' Awwissu tas-sena 2018 kollega tiegħi li huwa PS954 James Mangion u qiegħed stazzjonat l-Għassa ta' Ħal-Qormi wkoll kien infurmani rigward serqa li kienet seħħet... Għaldaqstant jiena kont mort mal-vittma ċertu Pierre Sammut fir-residenza tiegħu bin-numru 144 fi Triq Bellija f'Ħal-Qormi u x'ħin wasalna fuq il-post sibt li l-bieb kien miftuħ izda mhux żgassat għaliex ma kienx hemm daqqiet ta' lieva jew hekk imma Pierre kien indikali li s-serratura kienet ftit mgħawġa u seta' kien għaliex ma sakkrux sewwa l-bieb u xi ħadd seta' faċilment taħ daqqa bi spalltu u jinfetaħ. Jiena spezzjonajt ma' Pierre fir-residenza tiegħu fejn sibna diversi oġġetti neqsin li jammontaw ghal €1,430 u liema oġġetti huma elenkati fir-rapport. Dwar dan kollu jiena nfurmajt lill-ispettur tal-Għassa is-Sur Friggieri, ħallejt għassa mar-residenza u kompliet l-investigazzjoni. Ġew tas-SOCO fuq il-post u ħadu l-istharriġ neċessarju li kien hemm bżonn bħal ritratti, fingerprints ecc. ... Imbagħad kont assistejt search imma d-data u l-ħin ma niftakarhomx eżatt imma ftit tal-ħin wara ġo garaxx ġo Ħal-Qormi. ... : In konnessjoni mas-serq fejn sibna ħafna mill-oġġetti elenkati hawnhekk.*

---

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, fol. 186 u 187 tal-proċess.
[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, fol. 192 u 193 tal-proċess.

PS1240 Joseph Camilleri esebixxa wkoll ir-Rapport dwar liema xehed, markat Dok. "JC" a fol. 194 sa' 196 tal-proċess.

**Renald Baldacchino**[46] illi ddikjara li f'ċertu żmien kien safa' misruq minn tnejn min-nies, wieħed Malti u l-ieħor Għarbi. Filwaqt li l-Għarbi kien ħarab minn fuq il-post huwa żamm lill-Malti, magħruf minnu bħala Pierre l-oħxon, sakemm jitħallas lura minnu u sakemm dan kien hekk miżmum minnu kellu bżonn l-insulina u peress li ma setax joħroġ minħabba l-ħin huwa bagħat tlieta min-nies, Tony Balzan, Ivan Galea u Tristan Falzon, biex iġibu l-insulina mid-dar ta' dan Pierre l-oħxon. Renald Baldacchino ddikjara ulterjorment illi: *jiena kif rajtu li dam ċempilt lil Tony Balzan biex nara fejn baqa' u qalli li kien qiegħed jgħabbi xi affarijiet mid-dar tal-imputat u jiena għidtlu biex jiġi għaliex dan kellu bżonn l-insulina. Għidtlu jiena m'għandi bżonn xejn u ġġibli xejn affarijiet, kull ma għandi bżonn hija l-insulina u daqshekk. Kont ġejt arrestat. Jiena l-affarijiet ma rajthomx ħlief meta ħaduni d-dar wara li arrestawni jiġifieri ma nnegozjajthomx jiena jew xtrajthom jew hekk. Kont ġejt arrestat mill-Għassa ta' Ħal-Qormi u meta mort lura id-dar kienu hemmhekk mal-art. … Aċċess għad-dar tiegħi dakinhar kellha ommi u jekk kienx hemm xi ħaddieħor dakinhar m'għandix idea. Jista' jkun hemm xi ħadd id-dar tiegħi u fetaħ xi ħadd id-dar tiegħi però m'ghandix idea min kien hemm.*

Fir-rigward tat-telefonata li dan Tony il-Balsen, Renald Baldacchino tenna: *jiena staqsejtu fejn qiegħed lil Tony għax dam u qalli li kien qed jgħabbi xi affarijiet mid-dar ta' Tony u staqsejtu x'kien qed jgħabbi. Jiena għidtlu biex lili ma jdaħħalnix f'affarijiet għaliex ma ridtx affarijiet misruqin. Għidtlu biex iġibli l-insulina għaliex il-persuna kellha bżonn l-insulina u qalli li ġej. Fil-fatt niftakar kien ġie u meta ġie ma kien ġab xejn x'kellu fil-karozza u ma kellux. Jiena mort niffirma l-Għassa filgħodu u kien inqala' paniġierku jiġifieri arrestawni u affarijiet minn dawn però jiena ma' Tony Balzan kont tkellimt.* Mistoqsi dwar għalfejn lil Tony il-Balsen qallu biex ma jġiblux affarijiet, Renald Baldacchino wieġeb: *għaliex jiena kont qed nixtri mingħand is-Sur Pierre għaliex kien qed ibiegħ l-affarijiet tiegħu tad-dar, kien qed jiċċaqlaq minn hemm. … Dik il-ġimgħa s-Sur Pierre kien qiegħed ibiegħ xi affarijiet mid-dar tiegħu u jiena kont qed nixtrihom. Kont ilhaqt xtrajt frames qabel, vazuni, tapiti u ħafna affarijiet tad-dar. Kont qed nixtrihom mingħandu jiena u konna għaddejjin ġimgħa nixtri, nixtri u nixtri. Kont ilħaqt xtrajt forsi 50 item mingħandu. Kont nibgħat lin-nies iġibuhomli għaliex ma stajtx inġorrhom għaliex kienu kbar.* Baqa' jinsisti li: *spiċċaw fil-garaxx tiegħi nissoponi għaliex meta Tony mar għall-insulina għabbewhom u meta jiena kont arrestat sab iċ-ċans u neħħihom mill-karozza u għamilhom fil-garaxx. … qabdu u għabbewhom. Jiena kull ma bgħatthom huwa għall-insulina.* Iddikjara wkoll li biex marru d-dar ta' Pierre Sammut huwa tahom il-vettura tiegħu, Jaguar, u li kienu l-imputat, Ivan Galea u Tony Balzan li marru d-dar ta' dan Pierre Sammut. Xehed ukoll li meta waslu lura l-garage tiegħu, dawn ma daħħlu xejn fil-garage iżda imbagħad meta, wara li ġie arrestat, mar lura il-garage tiegħu mal-Pulizija sab l-affarijiet hemm ma' l-art. In kontro-eżami Renald Baldacchino ikkonferma li huwa kien bagħat lill-imputat, lil Ivan Galea u lil Tony Balzan biex iġibu l-insulina għal Pierre Sammut u dana għaliex huwa ma setgħax joħroġ dak il-ħin, u li meta ċempel biex jara għalfejn kienu qed idumu biex jiġu lura, kien kellem biss lil Tony Balzan.

In kwantu rigwarda l-elementi r-reat ta' serq il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Vella**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della*

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2019, fol. 374 sa' 381 tal-proċess.

*tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw d-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposta essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' mispproprjazzjoni. Fil-fatt, kif gia ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew kommodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clifford Camilleri**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Jannar 2013, fejn ingħad illi *x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa paċifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem li our Cours have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro. Illi dwar il-ħames element, dak intenzjonali l-Qorti ta' l-Appell stabbiliet li: Issa kif ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna l-intenzjoni li tagħmel xi qliegħ tikkostitwixxi l-intenzjoni speċifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wieħed jieħu l-oġġett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegħ. Kif jgħid il-Carrara [op.cit. Vol. I, para. 2035]:- "il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui" u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso" u l-Crivellari jghid:- "L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare". Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :- "The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...." u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jgħid:- "il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di*

*lucro potenziale è possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell'ampio senso della parola." u aktar 'l isfel:- "...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che può ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso." U imbagħad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li:- "Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]'.*

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi bejn it-23 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018, l-imputat flimkien ma' persuni oħra kien mar id-dar ta' Pierre Sammut ġewwa Ħal-Qormi waqt li dan l-istess Pierre Sammut kien miżmum kontra r-rieda tiegħu ġewwa garage fi Triq il-Mejjilla, Ħal-Qormi, appartenenti lil Renald Baldacchino, u dana minħabba kwistjoni li kellu miegħu. Jirriżulta li għalkemm dawn marru hemm bil-pretiża li jġibu l-insulina għal Pierre Sammut in kwantu diabetiku, waqt li kienu hemm, l-imputat u l-oħrajn li kien magħhom ħadu diversi affarijiet u oġġetti mir-residenza ta' dan Pierre Sammut. Huma għabbew dawn l-affartijiet u oġġetti ġol-karozza li kienu biha tat-tip Jaguar u l-istess oġġetti u affarijiet eventwalment instabu mill-Pulizija fil-garage ta' Renald Baldacchino, l-istess garage fejn kien qed jinżamm Pierre Sammut u l-istess post minn fejn telqu u reġgħu rritornaw l-imputat u l-persuni l-oħra li kien magħhom. Essenzjalment fil-fehma tal-Qorti jirriżulta pruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li Pierre Sammut kien safa' vittma ta' serqa mir-residenza tiegħu, liema serqa twettqet mill-imputat u oħrajn.

Il-prova li l-imputat flimkien ma' oħrajn kien fiż-żmien imsemmi mar u daħal fir-residenza ta' Pierre Sammut tirriżulta mix-xhieda ta' l-istess Pierre Sammut u mix-xhieda ta' Renald Baldacchino. Li oġġetti u affarijiet appartenenti lil dan Pierre Sammut instabu fil-garage ta' Renald Baldacchino, l-istess garage fejn kien qed jinżamm Pierre Sammut kontra r-rieda tiegħu, tirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Shaun Friggieri, ta' PS1240 Joseph Camilleri u ta' Renald Baldacchino. Il-prova li kienu l-imputat u persuni oħra ħadu affarijiet u oġġetti mir-residenza ta' Pierre Sammut tirriżulta mix-xhieda ta' Jamal El Badawi, xhud okultari li dakinhar ta' l-24 ta' Awwissu 2018 kmieni filgħodu kien ra kollox u fil-fatt kien ra lill-imputat u persuni oħra ħerġin mid-dar ta' Pierre Sammut b'diversi oġġetti u affarijiet f'idejhom u jgħabbuhom fil-Jaguar li kienu qegħdin biha.

Għalkemm dan Jamal El Badawi għall-ewwel, filwaqt li ta dettalji dwar dak li ra għaddej fid-dar ta' Pierre Sammut, ossia rġiel ħerġin bl-affarijiet ta' l-istess Sammut mid-dar, iddikjara li ma kienx qed jagħraf lill-imputat bħala wieħed mill-persuni involut f'din is-sitwazzjoni, inċidentalment l-imputat kien l-uniku wieħed li huwa ma għarafx, in segwitu u wara li spjega lill-Qorti li huwa kien qed jiġi mhedded fir-rigward ta' dan il-każ u x-xhieda li seta' jagħti fih, Jamal El Badawi kkonferma l-istqarrija li huwa kien ta lill-Pulizija dakinhar ta' l-24 ta' Awwissu 2018 - Dok. "SF2" a fol. 101 u 102 tal-proċess - fejn appuntu kien qal li huwa kien ra lill-imputat u xi persuni oħra jieħdu affarijiet minn ġewwa r-residenza ta' Pierre Sammut u jpoġġuhom f'vettura ta' l-għamla Jaguar. Meta ġie muri r-ritratti ta' l-oġġetti u affarijiet li nstabu mill-Pulizija ġewwa l-garage ta' Renald Baldacchino, li mix-xhieda ta' Pierre Sammut irriżulta li kienu di proprjetà tiegħu, dan Jamal El Badawi wkoll għarafhom bħala oġġetti u affarijiet appartenenti lil Pierre Sammut.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li hija għandha tagħti affidament lil Jamal El Badawi u b'mod partikolari lill-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Pulizija fl-24 ta' Awwissu 2018 bħala xhud okulari tas-serqa mir-residenza ta' Pierre Sammut da parte ta' l-imputat u oħrajn. L-istqarrija, li ġiet murija lilu waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2018 u anke ġie dirett lejn dak minnu hemm dikjarat, ġiet minnu kkonfermata u bla tlaqliq ta' xejn qal li kien perfettament f'siktu meta rrilaxxaha. Għalkemm id-Difiża ippruvat twaqqa' tali stqarrija billi tirrinfaċċja lil Jamal El Badawi bil-fatt li huwa seta' ħa xi pilloli dakinhar ta' l-istqarrija, dan

El Badawi ammetta li kien ħa pilloli iżda kienu pilloli għall-kondizzjoni ta' ADHD li jbagħti minnha u ħadhom bil-permess tal-Pulizija wara li dawn raw x'kienu. Dak affermat minn El Badawi fir-rigward ma ġie bl-ebda mod kontradett jew imxejjen mid-Difiża.

Għaldaqstant, jiġi ribadit, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li bejn it-23 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018, l-imputat kien flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' diversi oġġetti u affarijiet a detriment ta' Pierre Sammut.

Fin-Nota ta' Riviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jsostni li l-imputat għandu jinstab ħati bħala kompliċi ta' din is-serqa u bħala fatt il-Qorti tqis li l-imputat għandu hekk jinstab ħati bħala kompliċi ta' tali serqa a detriment ta' Pierre Sammut ai termini ta' l-Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat qed jiġi akkużat li huwa kompliċi f'serq ikkwalifikat bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-ħin ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li fil-fehma tal-Qorti bil-provi minnha prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli l-aggravji tal-lok u tal-ħin ai termini ta' l-Artikoli 269(g) u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis però li ma rnexxiliex tipprova bl-istess mod u sa' l-istess grad l-aggravju tal-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet tal-valur ta' l-oġġetti u affarijiet misruqa mid-dar ta' Pierre Sammut, il-Prosekuzzjoni straħet fuq dak dikjarat mill-istess Pierre Sammut fir-rapport li għamel mal-Pulizija dwar is-serqa in kwistjoni - ossia li l-oġġetti misruqa jiswew €1,430 - u fuq il-konsegwenti xhieda tiegħu mogħtija tul il-kors ta' dawn il-proċeduri. Ix-xhieda ta' Pierre Sammut però, fejn essenzjalment iddikjara li *jiswew il-flus imma ma nafx eżatt kemm huma, bħalissa moħħi mhux qiegħed hemm biex nagħmel il-kalkoli ta' l-affarijiet kollha. … Bejn wieħed u ieħor l-affarijiet mhux dejjem jiswew elf Ewro*, ma tistax titqies li tistabilixxi b'mod aċċettabbli, wisq inqas 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, li l-oġġetti misruqa effettivament jiswew madwar jew ftit iktar minn €1,000.

Għalkemm għall-finijiet ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-aggravju tal-valur jissussisti meta l-ħaġa misruqa tiswa iktar minn €232.94, il-Qorti ma tistax *marte proprio* tikkonkludi li l-oġġetti misruqa, li jidhru fir-ritratti markati Dok. "A" sa' Dok. "R" a fol. 32 tal-proċess, anzi fir-ritratti Dok. "A' sa' Dok. "D" stante li r-ritratti l-oħra huma ingrandimenti ta' l-inkwadri, jiswew iktar minn €232.94. Fin-nuqqas ta' prova sodisfaċenti dwar il-valur ta' l-oġġetti misruqa, il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-aggravju tal-valur għar-reat ta' serq.

Għaldaqstant l-imputat għandu jinstab ħati ta' kompliċità f'serq aggravat bil-ħin u bil-lok a detriment ta' Pierre Sammut.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll illi fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti din it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Una volta huwa rriżulta

ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, il-Qorti tqis li ma għandhiex għalfejn tidħol f'din l-imputazzjoni wkoll u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll li kien kompliċi f'delitt ta' serq aggravat ta' vettura u oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, billi b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew xewwex lil ħaddieħor inkella saħħah il-volontà tiegħu biex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassisstih, waqaf miegħu jew ikkompensah u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(d) u (e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali jirriżulta li skont l-istess Avukat Ġenerali, din il-Qorti tista', anzi għandha, a bażi tal-provi prodotti, issib ħtija fl-imputat skond l-Artikoli 42(d)(e), 261(e)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

**Francis Zammit**[47], sid il-vettura ta' l-għamal Citroen Berlingo ta' kulur *silver* bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBU-447 (f'dan is-sens vide wkoll ix-xhieda ta' **Brian Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta**, mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018 u id-dokument esebit minnu markat Dok. "BF"[48]), illi xehed li huwa kien ħalla l-vettura tiegħu pparkjata quddiem id-dar tat-tifel tiegħu fi Triq Pinto, Ħal-Qormi. Huwa ħalla l-karozza magħluqa iżda mhux imsakkra u biċ-ċwievet fiha. Hekk kif ħareġ mingħand it-tifel tiegħu wara xi ħin, ma sabx il-vettura tiegħu fejn ħalliha. Mill-CCTV cameras ta' mal-fond tat-tifel tiegħu, Francis Zammit ra *żewġt irġiel u wieħed minnhom li kien quddiem rajnieh iħares lejn il-karozza u kif lemaħ iċ-ċavetta ġo fih, baqa' jdur mal-bonett, tela' l-bankina, għadda minn wara fetaħ il-bieba u telaq biha, dak kull ma rajna.* Mistoqsi setgħax jagħraf xi ħadd fl-Awla dakinhar li ta x-xhieda tiegħu, Francis Zammit wieġeb fin-negattiv. Huwa ddikjara wkoll li l-vettura kienet immanifatturata fl-2009, xtraha għall-valur ta' €12,000 u l-valur tagħha meta nsterqet kien ta' madwar €8,000. Din l-istess vettura eventwalment instabet u ġiet ritornata lilu iżda, xi għodda li kellu fil-vettura ma sabhiex. L-għodda kienet tikkonsisti f'*xi drillers tad-dawl u tal-battery, kelli tlieta drillers tal-battery, chaser, kelli roll plastic minn dawn li jinfetaħ erba' metri, xi invell, żewġ settijiet spanners*. Francis Zammit xehed ukoll illi r-rapport mal-Pulizija għamlu dakinhar stess li itteħditlu l-vettura tiegħu. Fir-rigward tal-filmati xehed illi *fejn jidħlu cameras, it-tifel sabu r-ritratti, ħaduhom fuq il-mobile imbagħad morna l-Għassa. Wara ġie wieħed ħabib tat-tifel, jifhem fih u qagħad jiġbed din li ddaħħal fil-kompjuter biex jiġbed il-film kollu imbagħad.* Mistoqsi jekk il-filmat ġiex *recorded* u min għamel dan, Francis Zammit wieġeb *iva u tajnieh lill-Pulizija ... xi ħadd jifhem hux għax aħna ma nifhmux.* Dan il-persuna huwa xi ħadd jismu Joseph u huwa technician.

**L-Ispettur Roderick Agius**[49] illi wara li xehed dwar il-każ li jirrigwarda lil Pierre Sammut, żied jgħid illi in segwitu huwa kien ġie nfurmat li l-imputat kien involut f'serqa oħra, senjatament f'serqa ta' vettura.

**L-Ispettur Shaun Friggieri**[50], illi wkoll wara li xehed dwar il-każ li jirrigwarda lil Pierre Sammut, żied jgħid illi *bażikament jgħaddu jumejn fejn kont qiegħed night patrol cioè*

[47] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 33 u 34 tal-proċess.
[48] Fol. 67 sa' 70 tal-proċess.
[49] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 35 u 36 tal-proċess.
[50] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 48 sa' 52 tal-proċess.

*nibda fid-disgħa ta' bil-lejl sabiex indur l-Għasses kif ukoll nagħmel ċertu xogħol li għandi nagħmel u dan kien nhar is-26 ta' Awwissu 2018 fejn dħalt naqra qabel cioè għall-ħabta tat-tmienja u nofs ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi fejn hemmhekk stajt ninnota li kien hemm ċertu Francis Zammit li jagħmel rapport ġewwa l-Għassa, Identity Card numru 71548(M), li kien qiegħed preżenti hemmhekk flimkien mat-tifel tiegħu, li beda jallega li l-karozza tiegħu iktar kmieni wara nofsinhar kienet sfat misruqa. X'ħin spjegajtlu u għedtlu x'ġara u ma ġarax, is-Sur Zammit spjegali li waqt li kien qiegħed ġewwa Triq Pinto, Ħal-Qormi, ipparkja l-vettura tiegħu, sfortunatament ħalla t-twieqi magħluqin iżda ħalla ċ-ċavetta tal-karozza ġewwa l-ignition, fejn niżel biex jidħol ġo garaxx tal-familjari tiegħu sabiex ikellem jew jieħu xi affarijiet, biss però wara li ħareġ innota li xi ħadd kien ħadlu l-vettura u telaq biha għax il-vettura ma kienetx għadha hemmhekk. Il-vettura kienet EBU-447 ta' l-għamla Citroen Berlingo. … spjega li l-akkadut ġara għal x' il-ħamsa u jiena kont dħalt l-għassa qisu għal xit-tmienja u nofs. X'ħin spjegajtlu għaliex kien dam daqshekk sabiex jiġi, hu spjegali li peress li r-residenza fejn daħal kien jappartjeni lill-familjari tiegħu, kien hemm xi CCTVs li ppruvaw jilħqu l-ewwel u jiġbduhom biex jaraw eżattament x'ġara. Fosthom ippreżenta pendrive kif ukoll fuq il-mobile kellu parti mill-footage li ttieħed minn fuq il-pendrive ta' l-akkadut, ta' kif insterqet il-karozza. Jiena dak il-ħin kont għadni kif nara l-footage fejn kien jidher li tnejn minn nies kienu għaddejjin ġewwa Triq Pinto, fosthom kienu tnejn minn nies li kont kellimt jumejn ilu minħabba dan l-akkadut* (ossia l-kwistjoni konċernanti lil Pierre Sammut) *li kienu ċertu John Mifsud kif ukoll ċertu Tristan Falzon li qed nagħraf hawnhekk in Awla. Dawn dehru għaddejjin minn quddiem il-vettura, joħorġu mill-angolu tas-CCTV fejn is-Sur John Mifsud jerġa' jiġi lura, jdur dawra mal-vettura, jerġa' jdur lura, jiftaħ il-bieba, jiftaħ il-vettura u jsuq. Tajjeb ngħid li eżatti x'ħin rajt hekk jiena għaraft il-persuna minħabba li jintgħarfu anki mill-wiċċ għax iħarsu lejn il-camera dirett u għaldaqstant bdejt l-investigazzjoni tiegħi. Qisu daqs ġurnata jew jumejn wara, jerġa' jidħol it-tifel tas-Sur Francis Zammit fejn jiena kont preżenti dakinhar u għadda wkoll pendrive ieħor ta'… xi ħaddieħor jiġi minnhom aktar 'l isfel fejn deher is-Sur Tristan Falzon jieqaf fil-ġenb, tieqaf il-vettura li tintagħraf li hija Citroen Berlingo, li kienet għada ġewwa Triq Pinto, jitla' ġol-passiġġier u jirkeb mal-ewwel fuq wara. Tgħidli kif tarah jirkeb fuq wara għax eżatti x'ħin mexa, jidher il-footage minn fuq, jidher persuna li kien identifikat bħala John Mifsud bl-istess ħwejjeġ li qiegħed fil-ġenb kif ukoll in-naħa tal-passiġġier ma deher iżda ovvjament ma tkunx tista' tgħid minħabba li jidher fuq wara. Jiena minn dak il-ħin mort iċċekjajt min kien hemm Maġistrat ta' l-Għassa fejn ħriġt search and arrest warrant kemm lil John Mifsud kif ukoll lil Tristan Falzon, tlaqt minn ġewwa l-Qorti u għaddejt minn ġewwa l-Waterfront fejn hemmhekk ilmaħt lis-Sur Tristan Falzon kif ukoll is-Sur John Mifsud mexjin mal-Waterfront. Jiena għarrafthom li kelli s-search and arrest warrant u żammejthom arrestati sakemm inkun nista' nistabilixxi naqra iktar l-investigazzjoni fejn ingħatawlhom id-drittijiet ulterjuri fejn is-Sur John Mifsud ħass li kellu bżonn jieħu xi kura medika u għaldaqstant ittieħed ġewwa il-Polyclinic fejn minn hemmhekk ittieħed għal aktar osservanza ġewwa l-Isptar Mater Dei fejn minn hemmhekk l-arrest tiegħu waqaf sabiex inkunu nistgħu nkomplu l-investigazzjoni fuq is-Sur Tristan Falzon. Jiena tajt is-solitu twissija kif ukoll l-istqarrija ta' l-avukat fejn is-Sur Tristan Falzon irrifjuta li jkollu l-għajnuna legali, qed nagħraf il-firma tiegħi kif ukoll il-firma ta' Tristan Falzon u tal-Kuntistabbli 1597 A. Chetcuti kif ukoll ta' PC 392. Dakinhar erġajt kellimtu u ħadtlu stqarrija dwar dan l-akkadut tas-serq tal-vettura. Tajjeb li ngħid li s-Sur Tristan Falzon ikkollabora mal-Pulizija, tant hu hekk li kien asset sabiex il-vettura wkoll ġiet rikoverata u miġbura lura. Dan kien fit-28 ta' Awwissu 2018 u s-Sur Falzon stqarr miegħi li hu kien qiegħed għaddej għall-affari tiegħu u kien qiegħed ma' John Mifsud fejn John Mifsud qallu "mur issa imbagħad inkellmek jiena", aktar tard għadda John Mifsud bil-karozza u qallu "itla' miegħi". Miegħi stqarr li sa' dak il-ħin hu ma kienx jaf li dik il-vettura kienet misruqa minħabba l-fatt li dan John Mifsud kien isuq diversi karozzi. X'ħin staqsejtu kont għadek fl-istess triq kif jista' jkun dan kemm dar lura u ġab karozza mill-ewwel, qalli "ma*

*nafx dawk l-affarijiet harahom hu". Kompla jispjegali li waqt li kienu għaddejjin, beda jinnota u jindika li l-vettura setgħet kienet misruqa minħabba l-fatt li John Mifsud beda jipprova jara kif jista' jbiegħ il-karozza. Lili stqarr miegħi li s-Sur John Mifsud ipprova jċempel lil xi ħadd fuq il-karozza iżda ma rnexxilux u għaldaqstant is-Sur Tristan Falzon ipprova jċempel lil ċertu Guze Mark li iktar tard identifikali l-persuna min hu. X'ħin staqsejtu x'ġara, dan li qalli li eżatti x'ħin ċempillu, ftehmu miegħu biex jiltaqgħu x'imkien ġewwa l-Iklin u cioè fil-parking fejn hemm tal-Lira naqra iktar 'il fuq mill-JB Stores. Jiena minn hemmhekk staqsejtu x'ġara hemmhekk u qalli "jiena ma dħaltx fiha" fejn John Mifsud ftiehem ma' dan Guze Mark fejn biegħ il-karozza għal mitejn Euro u daqshekk lanqas biss ħa ċenteżmu minnha. Imbagħad għedtlu x'għamel wara u qalli "Jiena qbadt u tlaqt għall-venda sabiex ninżel lura nkompli nagħeml fattija". Jiena hawnhekk waqqaft naqra d-dikjarazzjoni u lis-Sur Falzon niżżiltu fuq il-post fejn kien qed jindikali u stajt nagħraf li kien hemm is-Citroen Berlingo li ddentifikajt l-ewwel cioè EBU-447 li kienet qiegħda hemmhekk ipparkjata ġewwa l-parking ta' Ħal-Lija fejn tal-Lira fejn minn hemmhekk ċempilt lis-sid kif ukoll ċempilt ukoll lil tal-Forensic biex jaraw jekk jistgħux itellgħu xi fingerprint minn hemmhekk u jiena erġajt mort mas-Sur Sur Falzon fejn erġajt ħadtlu stqarrija oħra in segwitu tal-vettura li sibna. Is-Sur Falzon ikkonfermali li dik kienet il-vettura kollha kemm hi li konna qed nitkellmu fuqha kif ukoll li l-affarijiet li kien hemm wara s-seat u cioè xi diversi għoddod fiha li jiswew il-flus u li kien sabhom neqsin. Is-Sur Tristan Falzon spjega li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-għoddod u fl-istess ħin ma qalleb imkien. … Il-vettura ingħatat lura lis-sid u ngħatat irċevuta lil Francis Zammit u minn hemmhekk komplejna l-investigazzjoni u s-Sur Tristan Falzon idderiġiena fuqha u cioè r-riċettatur li għadu qed jiġi identifikat li xtara l-karozza li skond is-Sur Zammit xtraha xi tmintax-il elf ġdida u għamlet għandu xi ftit snin u dan ir-riċettatur li xtraha għall-ammont ta' mitejn Euro bl-affarijiet kollha li kien fiha. …. Tajjeb li ngħid li ġew ippreżentati pendrives mingħand il-kwerelant fejn jiena għaddejtu lil tal-Forensic fil-presenza tiegħi u għamel il-kopji sabiex inkun nista' nippreżentahom f'Qorti oħra. … dawn ġabhom il-complainant, huwa ġab pendrives li jiena għamilt kopja tagħhom li qed jiġu ppreżentati fuq CD minħabba l-fatt li hemm diversi kawżi u ser jiġu preżentati hemm.*

L-Ispettur Friggieri ppreżenta s-segwenti: (i) l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat dwar dan il-kaz kif ukoll id-dikjarazzjoni tiegħu ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali, markati Dok. "SF3" sa' Dok. "SF5" a fol. 56 sa' 60 tal-proċess; (ii) CDs bil-kopja tal-footage tal-CCTV cameras imsemmija fix-xhieda tiegħu markati Dok. "SF6" u Dok. "SF7" a fol. 61 u 62 tal-proċess; (iii) mobile ta' l-għamla Nokia li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija inġabar mingħand l-imputat. Dan il-mobile ġie esebit bħala Dok. "SFX" u in segwitu ġie eżaminat mill-Espert Tekniku nominat mill-Qorti Dr. Steven Farrugia Sacco[51], (iv) il-pendrives mgħoddija lill-Pulizija mit-tifel ta' Francis Zammit markati Dok. "X" u Dok. "Y" a fol. 36 u 37 tal-proċess; (v) l-istqarrija ta' John Mifsud u id-dikjarazzjoni ta' rifjut għall-parir legali markati Dok. "Y" u Dok. "X" a fol. 161 sa' 163 tal-proċess; (vi) dokument maħruġ mis-sistema tal-Pulizija minn liema jirriżultaw id-dettalji ta' Josemark Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 343286(M), imwieled fit-18 ta' Lulju 1986 u b'żewġ numri tat-telephone - 77770125 u 99724111 - Dok. "X" a fol. 304 u 305 tal-proċess; (vii) personal details form ta' Josemar Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 343286(M), markat Dok. "C" a fol. 314 tal-proċess.

**John Sacco**, rappreżentant ta' Citadel Insurance[52], illi xehed illi l-vettura ta' l-għamla Citroen Berlingo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBU-447 kienet assikurata magħhom. Il-policy holder kien Francis Zammit, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0071548(M), u l-polza viġenti dak iż-żmien kienet tkopri l-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2018

[51] Vide Digriet datat 23 ta' Ottubru 2018, fol. 66 tal-proċess.
[52] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018, fol. 72A u 72B tal-proċess.

sal-31 ta' Mejju 2019. Huwa ppreżenta l-Insurance Policy Certificate - Dok. "JS" a fol. 73 tal-proċess - minn liema jirriżulta li l-vettura kienet assigurata għall-valur ta' €7,800.

**Marnie Muscat**, Legal Administrator mal-Vodafone[53], esebiet informazzjoni fuq IME359308045566159 u pprovdiet is-subscriber details MSIDN used with the given IME, kif ukoll informazzjoni dwar incoming u outgoing calls u localisation għall-perijodu 26 ta' Awwissu 2018. Din l-informazzjoni ġiet provdut fuq CD markat Dok. "MM" - id-*data* fuq tali CD ġiet estratta mill-Espert Tekniku nominat Dr. Steven Farrugia Sacco[54] - kif ukoll esebiet dokument markat Dok. "MM2" a fol. 79 tal-proċess.

**Dennis Zammit**[55], li jiġi t-tifel ta' Francis Zammit, xehed illi kien hemm il-vettura ta' missieru pparkjata quddiem id-dar tiegħu iżda mbagħad ma nstabitx ipparkjata hemm. Ikkonferma li ż-żewġ pendrives Dok. "X" u Dok. "Y" esebiti mill-Ispettur Shaun Friggieri waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2019, kienu l-istess pendrives li huwa kien għadda lill-Pulizija. Ikkonferma wkoll li fuqhom kien hemm il-footage ta' CCTV camera li juri l-vettura ta' Francis Zammit ipparkjatha quddiem il-fond tiegħu u imbagħad ma tibqax hemm. Xehed ukoll illi x-xogħol biex inħareġ dan il-footage għal fuq il-pendrives għamlu ċertu Joseph Spiteri li huwa technician. Dana **Joseph Spiteri**[56] xehed ukoll u filwaqt li kkonferma li huwa electronics technician u li x-xogħol tiegħu jinvolvi anke CCTV cameras, iddikjara li *l-klijent* - Mr. Zammit minn Ħal-Qormi - *kien tani l-ħinijiet li rridu nniżżlu tal-footage minn Fuq is-CCTV system tiegħu fejn kien jidher li l-vettura qiegħda pparkjata quddiem id-dar tiegħu u wara dawk iż-żewġ minuti dik il-vettura Sparixxiet minn Fuq is-CCTV. Bażikament dik kienet il-kwistjoni.* Fir-rigward tal-pendrives markati Dok. "X" u Dok. "Y", Joseph Spiteri xehed illi *xi waħda minnhom żgur. M'inix ċert jekk hijiex din però ma nistax ngħidlek mija fil-mija. Però żgur fuq il-pendrive sar id-downlaod u ċert mija fil-mija li elevajt il-footage. ... Għaddejthom fl-Għassa tal-Pulizija u għaddejthom lill-Ispettur Mifsud u kien hemm ukoll il-klijent hemmhekk preżenti. ... Jiena kont mas-Sinjuri Zammit u kien hemm l-Ispettur preżenti wkoll.*

**John Mifsud**[57] illi wara li kkonferma li in konnessjoni mas-serq tal-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri wkoll huwa kien għadda proċedimenti kriminali u kien ġie ssentenzjat tlett snin ħabs, xehed illi *dakinhar ma kontx qiegħed f'posizzjoni tajba bil-pirmli bħal ma tafu għax għedtilkom il-verità kollha, Tristan qas jaf fil-verità jiena x'għamilt għax moħħi ħadem ħażin. ... konna għaddejjin kien hemm vann li kien fih ċavetta ġo fih u moħħi ħadem ħażin, tlajt ġo fih u soqt u fil-verità lanqas jaf Tristan għax dak kien miexi 'l quddiem u baqa' mbellaħ, għedltu "irkeb ejja ħa mmorru" u daqshekk.* Fir-rigward ta' l-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija fil-31 ta' Awwissu 2018, fejn essenzjalment inkolpa lill-imputat għas-serq tal-vettura in kwistjoni[58], fix-xhieda tiegħu John Mifsud qal li ma setax jiftakar x'qal dakinhar għaliex kien qiegħed ħażin u addirittura qal li l-firma fuq l-istess stqarrija ma hijiex tiegħu u invece qali li *li nista' naħlef fil-ġurament huwa li Tristan ma kienx jaf jiena x'ħa nagħmel għax hu kien ħafna 'l quddiem.* Mistoqsi allura jekk dak li qal fl-istqarrija tiegħu ma kienx minnu, John Mifsud wieġeb *ma għedtlekx li ma huwiex minnu, ma niftakarx għax ma kontx għadni f'sitwazzjoni tajba, kont qed nieħu ċertu pirmli li mhux tajbin għax mingħalija għedtilkom għalxiex għax ma kontx f'sitwazzjoni tajba u issa f'sitwazzjoni tajba u ma nieħu xejn.* John Mifsud baqa' jinsisti li ma jiftakarx x'kien qal fl-istqarrija u li l-firma fuq l-istqarrija ma kenitx tiegħu għaliex huwa kien jinsab fi stat ħażin. F'dan il-punt il-Prosekuzzjoni ddikjarat li John Mifsud bħala xhud ostili.

53 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, fol. 76 u 77 tal-proċess.
54 Vide Digriet datat 31 ta' Ottubru 2018, fol. 74 tal-proċess.
55 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, fol. 139 u 140 tal-proċess.
56 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, fol. 141 sa' 143 tal-proċess.
57 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2019, fol. 149 sa' 158 tal-proċess.
58 Vide Dok. "Y" esebit mill-Ispettur Shaun Friggieri a fol. 161 u 162 tal-proċess.

**PC208 Brian Fenech**[59], illi xehed illi *fis-26 ta' Awwissu tas-sena 2018 għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija jiena kont qiegħed xogħol fl-Għassa ta' Ħal-Qormi u daħal ċertu Francis Zammit bil-karta tal-identità numru 71548(M) u rrapporta illi kien ipparkja l-vettura tiegħu fi Triq Pinto Ħal-Qormi għall-habta tal-4:45 ta' filgħaxija. Il-vettura kienet bin-numru tar-reġistrazzjoni EBU-447 tal-għamla Citroen Berlingo. Is-Sur Zammit qalilna illi għall-ħabta tas-6:30 ta' filgħaxija kien induna illi l-vann illi kien ipparkja ma kienx għadu hemmhekk. Qalilna wkoll illi l-vann kien hemm diversi għodda fih illi tiswa eluf ta' liri u qal ukoll illi l-vettura kien ipparkjaha miftuħa biċ-ċavetta fl-ignition. Meta kien għamel ir-rapport, dakinhar stess, is-Sur Zammit kien ippreżenta filmati meħuda minn CCTV cameras tas-sigurtà illi kien hemm mal-faċċata tad-dar tat-tifel tiegħu illi minn stħarriġ illi sar fuq dawn il-filmati deher persuna jidħol fil-vann u jsuq bil-vann minn fuq il-post u aktar il-fuq fl-istess triq minn dawn il-filmati deher jgħabbi lis-sinjur li qiegħed hawnhekk preżenti nagħrfu fl-awla jirkeb fil-vann mas-sewwieq l-ieħor.* PC208 Brain Fenech xehed ukoll illi l-imputat u l-persuna li deher fil-filmati, illi huwa ra personalment, jagħrfu bħala Tristan Falzon, persuna minn Ħal-Qormi, fejn l-imsemmi PC208 Brian Fenech kien ilu stazzjonat sa' mill-1997, u kien già jaf in precedenza.

PC208 Brian Fenech ippreżenta r-Rapport li għamel Francis Zammit mal-Pulizija, markat Dok. "BF" a fol. 201 sa' 210 tal-proċess.

**Josemar Borg**[60] illi xehed illi *jiena ċempilli l-Ispettur u qalli tista' tiġi biex inkellmek u jiena mort id-Depot u l-Ispettur qalli inti xtrajt xi vann mingħand ċertu wieħed jgħidulu il-Fox. Jiena għidtlu li lil Fox nafu għaliex dak kien jaħdem magħna, għidtlu però ma xtrajtx vannijiet mingħandu. Jiena kont ilni ma narah u rani fit-triq u ġieli waqqafni biex nagħtih €10 għax ma jkollux u jiena nħoss għalih u nagħtihielu u darba minnhom qalli għandek xi karozzi ghall-bejgħ u jiena għidtlu iva u qalli biex nagħtih in-numru tal-mobile għaliex ried jixtri waħda. Jiena tajtu n-numru imma bejni u bejn ruħi għidt dan jitlobni €10 kif se jixtri karozza? Imma jiena xorta tajtulu n-numru.77042373. Jiena kelli iehor imma numru … Issa nsejtu imma x'kien. Darba fost l-oħrajn kien ċempilli meta jiena kont qiegħed xogħol u qalli għandi vann tixtrih. Jiena għidtlu li kont qiegħed xogħol u għidtlu biex jagħtini ċans ħalli mmur narah. Jiena ċempilt lil George Gatt li huwa ħabib tiegħi għaliex jifhem fil-vannijiet, mhux bħali, u għidtlu George hemm wieħed għandu vann immorru narawh? U qalli iva mmorru narawh. Jiena mort il-Għarghur fejn il-Mekek u sadanittant dan ċempilli xi 15-il darba lili biex ibegħli l-vann imma jiena għidtlu li kont qiegħed xogħol biex jagħtini ċans. … Beda jgħidli biex inħaffef ħalli mmur nixtri l-vann. Imma jiena għidtlu biex jagħtini ċans.* Mistoqsi ma' min beda jitkellem, Josemar Borg wieġeb *mal-Fox* u li għaraf li kien hu għaliex *jiena nafu u nagħrfu minn leħnu. Dak kont nafu qabel lilu. X'ħin mort għidtlu dan hu l-vann u qalli iva u jiena għidtlu li dak il-vann kien misruq għaliex dak kien tal-imgħallem li kelli jien. Għidtlu dak ta' ċertu wieħed minn Ħal-Qormi u għidtlu dak it-tifel tiegħu jbiegħ il-ħġieġ il-Mosta. Għidtlu jiena l-ewwel nett mhux ha nieħdu u saqsejtu jekk kienx begħhulu l-vann. Hu qalli li ried ibiegħu u jiena saqsejtu kemm irid tiegħu. Vann ta' €10,000 tiġi tbiegħu €200? Mhux sinjal li jkun misruq il-vann. Għidtlu ħa ngħidlek waħda jiena ma jgħoddx għalija dan u beda jgħidli biex nagħtih €200. Jiena għidtlu mhu se ntik xejn għaliex jiena ma jgħoddx għalija u mhux se nixtri affarijiet misruqin. Jiena sadanittant lill-imgħallem li kelli ma kontx inkellmu għaliex tlaqt minn miegħu mid-diżgwid u kieku kont inċempillu u nghidlu isma l-vann qieghed hemmhekk f'dak it-tali post li kieku kont inkellmu lill-imgħallem. Jiena soqt lejn il-JB Stores għaliex ikolli xi karozza għall-bejgħ hemmhekk, dawn baqgħu neżlin fejn il-JB Stores, tefgħu l-vann hemmhekk u telqu. Wara jumejn jiena mort (għaliex jiena mmur*

[59] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, fol. 198 sa' 200 tal-proċess.
[60] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, fol. 214 sa' 217 tal-proċess.

*kuljum fejn il-JB Stores għax ikolli xi karozza tiegħi biex inbiegħha) u għidt ara l-vann ħaduh. Għidt mela sabu sidu u daqshekk.* Josemar Borg qal li l-vann li ried ibegħlu dan il-Fox, illi fil-fatt għarrfu bħala l-imputat, kien Citreon Berlingo ta' kulur *qisu griż … bil-ħġieġ u l-bibien jiġru.* Qal ukoll li apparte l-vann l-imputat ried ibiegħlu xi għodda li kien hemm ġo fih iżda huwa ma xtarhomx għaliex huwa ma jixtrix oġġetti misruqa. Tenna li l-imputat magħruf bħala l-Fox jafu għaliex snin ilu kien jaħdem f'ħanut ta' missieru ġewwa Ħal-Qormi u li tul is-snin ġieli kien jarah għaddej mit-triq. Xehed ukoll li l-persuna li ħa miegħu biex jara l-vann li ried ibiegħlu l-imputat, kien ċertu George Gatt.

**L-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco**[61] illi ppreżenta r-Relazzjonijiet tiegħu: Dok. "SFS1"[62] - Relazzjoni relattiva għall-analizi tal-mobile phone esebit fl-atti bħala Dok. "SFX", ossia l-mobile phone ta' l-għamla Nokia li kien instab fil-pussess ta' l-imputat, u Dok. "SFS2"[63] - Relazzjoni relattiva għall-ħruġ ta' data minn CD markat Dok. "MM" li kien ġie ppreżentat minn Marnie Muscat in rappreżentanza tal-Vodafone.

**George Gatt**[64] illi xehed li f'Awwissu ta' l-2018 mar jara vann għal ħabib tiegħu, Guze Mark Borg, biex jistamħulu. Dawn marru flimkien ħdejn il-Vibes u hemm sabu vann Citroen Berlingo ta' kulur griż, iżda ma jiftarakx in-Numru ta' Reġistrazzjoni, u tnejn min-nies jistennewhom. Mistoqsi jekk fl-Awla setgħax jagħraf lil xi ħadd minn dawn it-tnejn minn nies, George Gatt wieġeb fin-negattiv. Xehed illi *jiena kellimthomx u daqshekk mort lil hemm. … Kellimt lil Guze Mark Borg kemm jiswa u dawn l-affarijiet imbagħad tlaqt hux u mort nara karozza oħra l-Iklin, kelli nerġa' ninżel hemm. … Fejn il-JB mort nara karozza hemmhekk. … Jiena waħdi mort imbagħad, mort nara karozza oħra jiena.*

Minn dawn il-provi, ikkunsidrati fid-dawl ta' l-elementi tar-reat ta' serq già iktar 'l fuq trattati f'din is-sentenza u b'hekk mhux ser terġa' tiġi hawn riprodotta l-ġurisprudenza già ċitata, jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-vettura di proprjetà ta' Francis Zammit, ossia l-vettura ta' l-għamla Citroen Berlingo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBU-447, effettivament insterqet minn Triq Pinto, Ħal-Qormi, nhar is-26 ta' Awwissu 2018. Bħala fatt John Mifsud ikkonferma li huwa kien tressaq il-Qorti ukoll akkużat b'dan ir-reat u nstab ħati ta' l-istess u ġie debitament sentenzjat. Imma dan John Mifsud ma kienx waħdu dakinhar tat-twettiq ta' dan ir-reat u l-Prosekuzzjoni fil-fatt qed takkuża lill-imputat odjern bil-kompliċità fis-serq ta' l-imsemmija vettura u anke ta' xi oġġetti li kien hemm fiha, akkuża din riflessa anke fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali.

Fir-rigward ta' l-element ta' kompliċità fit-twettiq ta' reat, issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Borg et**, deċiża fl-24 ta' April 2017: *illi d-dottrina u l-ġurisprudenza in tema ta' kompliċità hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem li: A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[65]*. Illi l-istess Qorti ta' l-Appell qalet li: Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, …. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.*[66] *Illi fil-fatt il-Professur Mamo jgħallem ukoll li: A merely physical participation in the act without a*

---

[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, fol. 218 u 219 tal-proċess.
[62] Fol. 220 sa' 282 tal-proċess.
[63] Fol. 283 sa' 302 tal-proċess.
[64] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019, fol. 309 sa' 311 tal-proċess.
[65] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.
[66] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004; is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.*[67]"

Il-prova ċentrali fuq liema l-Prosekuzzjoni tibbaża l-identifikazzjoni u l-involviment ta' l-imputat bħala kompliċi ma' dan John Mifsud fit-twettiq ta' dan ir-reat huma l-pendrives provduti lill-Pulizija minn Dennis Zammit, iben Francis Zammit, li fihom footage mis-sistema ta' CCTV cameras tad-dar tiegħu, liema footage ġie downloaded u kkupjat fuq il-pendrives minn Joseph Spiteri. Dawn il-pendrives huma esebiti bħala Dok. "X" u Dok. "Y" a fol. 137 tal-proċess u Dennis Zammit ikkonferma li kien hu li għaddihom lill-Pulizija u Joseph Spiteri kkonferma li kien għamel id-download tal-footage relattiv fuq l-istess.

Il-Qorti eżaminat u rat il-footage fuq dawn iż-żewġ pendrives u mill-footage fuq il-pendrive Dok. "Y", ossia l-pendrive tad-ditta Aleri Group, jidhru b'mod ċar ħafna John Mifsud u l-imputat għaddejjin mit-triq u x'ħin jgħaddu minn ħdejn il-vettura ta' Francis Zammit u it-truck li hemm ipparkjat faċċata tagħha, entrambe jidhru jaġixxu b'mod suspettuz, b'mod partikolari jħarsu ġo dawn l-istess vetturi: b'John Mifsud iħares fil-vettura ta' Francis Zammit u bl-imputat iħares fit-truck ipparkjat faċċata. It-tnejn li huma jidhru mixjin 'l quddiem iżda wara ftit John Mifsud jdur lura, jerġa' jmur ħdejn il-vettura ta' Zammit, jidħol fiha, jistartjaha u jsuq 'l hemm. Dan John Mifsud, kif minnu stess ammess, għabba lill-imputat fil-vettura minn ftit iktar 'l fuq fit-triq.

Għalkemm John Mifsud xehed illi l-imputat ma kienx involut f'din is-serqa iżda kienet għażla u deċiżjoni tiegħu biss li jisraq il-vettura ta' Francis Zammit, meta dak minnu affermat jiġi kkunsidrat fid-dawl ta' dak li jirriżulta fuq il-pendrive Dok. "Y" jirriżulta b'mod ċar li ma qalx il-verità. Dak li ġara kien li John Mifsud u l-imputat flimkien kienu qed iħarsu fil-vetturi pparkjati fi Triq Pinto, b'mod partikolari fil-vettura ta' Francis Zammit u fit-truck ipparkjat faċċata tagħha, bl-iskop ċar li jaraw jekk dawn il-vetturi, li kjarament ma kienux jappartjenu lilhom, kienux jgħoddu għalihom jew f'dawn il-vetturi kienx hemm xi ħaġa tgħodd għalihom. Evidentement il-vettura ta' Francis Zammit, li għalkemm kienet bil-bibien u twieqi magħluqin, ma kenitx imsakkra u kien hemm iċ-ċavetta fl-ignition, kienet tikkostitwixxi serqa piuttost faċli għalihom, serqa li ġiet materjalment effettwata minn John Mifsud iżda bla dubju ta' xejn bil-kompliċità ta' l-imputat in kwantu huma kienu qed jaġixxu flimkien u *with a common design* biex jeffettwaw serqa.

Prova ulterjuri ta' l-involviment ta' l-imputat f'din is-serqa tirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Josemar Borg illi xehed illi l-imputat kien ċempillu b'ċerta insistenza u persistenza biex ibiegħlu vettura, liema vettura rriżultat il-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia l-vann Citroen Berlingo ta' Francis Zammit. Josemar Borg mill-ewwel għaraf li l-vettura li l-imputat kien qed jipprova jbiegħlu kienet misruqa mhux biss għax għaraf il-vann, ossia li kien il-vann ta' l-ex-imgħallem tiegħu, iżda anke minħabba l-fatt li vettura li skontu kienet tiswa madwar €10,000, l-imputat kien qed jipprova jbiegħlu għal €200. Illi l-imputat kien ċempel lil dan Josemar Borg fis-26 ta' Awwissu 2018 jirriżulta mill-informazzjoni provduta minn Marnie Muscat, rappreżentant tal-Vodafone, fir-rigward tal-*call profile* tal-mobile bl-IMEI 359 308 045 566 159, li huwa l-mobile Dok. "SFX" elevat mill-pussess ta' l-imputat, kif in segwitu estratta mill-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco. In effetti mir-Relazzjoni Dok. "SFS2" jirriżulta li fis-26 ta' Awwissu 2018 bejn 5:54p.m. u 6:14p.m. saru tlett telefonati

[67] Op cit pagna 125.

lin-numru 77770125, liema numru jirriżulta li huwa ta' Josemar Borg - Dok. "X" a fol. 304 u 305 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dan kollu kkunsidrat għalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat kien kompliċi fis-serqa tal-vettura ta' l-għamla Citroen Berlingo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBU-447, minn Triq Pinto, Ħal-Qormi, nhar is-26 ta' Awwissu 2018.

Ai termini tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju din il-Qorti għandha tiddetermina jekk bħala fatt l-imputat kienx kompliċi fis-serqa in kwistjoni, liema serqa hija aggravata ai termini ta' l-Artikoli 267 u 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia aggravata bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Mill-provi prodotti jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-vettura in kwistjoni insterqet waqt li din kienet ipparkjata fi Triq Pinto, Ħal-Qormi. B'hekk ma hemmx dubju li l-aggravju tax-xorta tal-ħaġa misruqa effettivament jirriżulta. In kwantu rigwarda l-valur, il-Qorti tosserva li Francis Zammit jikkontendi li apparte l-vettura, insterqulu wkoll diversi għodod li kellu hemm ġew. Fir-rigward tal-valur ta' l-għodod ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur tagħhom u għaldaqstant il-Qorti ftit li xejn tista' tikkumenta fir-rigward, iżda ġie stabbilit 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li fiż-żmien meta l-vettura nsterqet din kienet tiswa' €7,800. Dan il-valur huwa l-valur li a bażi tiegħu l-vettura ġiet assikurata bejn l-1 ta' Ġunju 2018 u l-31 ta' Mejju 2019 u l-istess vettura ġiet appuntu misruqa f'dan il-perijodu ta' żmien, senjatament fis-26 ta' Awwissu 2018.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati ta' kompliċità fir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan kollu ai termini ta' l-Artikoli 42(d), 261(ċ)(e), 267 u 271(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll illi fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti din ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Una volta huwa irriżulta ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih, il-Qorti tqis li ma għandhiex għalfejn tidħol f'din l-imputazzjoni wkoll u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti mill-Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D. f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex din il-Qorti tittratta dwar ħtija tiegħu kif maħsub fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lill-Ispettur (illum Supretendent) Fabian Fleri u lil Dr. Susan Cassar.

**L-Ispettur Fabian Fleri**[68] ppreżenta vera kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tristan Falzon" mogħti mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Lulju 2018[69] fejn ingħata l-ħelsien mill-arrest lil Tristan Falzon taħt is-segwenti kondizzjonijiet: (i) li jirrinkaża d-dar fl-indirizz mogħti waqt il-preżentata mid-8:00p.m. sa' l-għada fit-8:00a.m. u ma joħroġx mid-dar f'dawn il-ħinijiet salv għal raġunijiet ta' saħħa fuq il-persuna tiegħu; (ii) li joqgħod u jidher għal kull ordni tal-Qorti Kriminali jew ta' l-Ewwel Qorti li quddiem jkun jinsab il-proċess jew xi kwistjoni li toħroġ mill-proċess jew hija marbuta miegħu; (iii) ma għandux javviċina jew jikkomunika la personalment u lanqas tramite terzi max-xhieda tal-Prosekuzzjoni kemm dawk li già ddeponew kif ukoll dawk li għad iridu jagħtu x-xhieda tagħhom; (iv) jiddepożita fl-atti tal-kawża kull travel document tiegħu inkluż il-Karta ta' l-Identità; (v) li jagħmel tajjeb għal dawn il-kondizzjonijiet kif ukoll għal dawk li tgħid il-Liġi fl-artikolu 579 tal-Kap.9 billi jiddepożita s-somma ta' €5,000 kif ukoll jintrabat b'garanzija personali ta' €10,000. Huwa kkonferma li dan id-Digriet ingħata fil-konfront ta' l-imputat odjern fi proċeduri li kienu għaddejjin fil-konfront tiegħu fejn hu (ossia l-Ispettur Fleri) u l-Ispettur Kylie Borg kienu uffiċjali Prosekuturi.

**Dr. Susan Cassar**[70] ippreżentat vera kopja ta' diversi atti relattivi għall-ħelsien mill-arrest fil-kuntest tal-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tristan Falzon" u kkonfermat li l-każ għadu għaddej[71].

L-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in bażi għal liema l-ksur ta' xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti għall-ħelsien mill-arreat jikkostitwixxi reat punibbli b'piena ai termini tal-Liġi, jipprovdi li: *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u il-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Il-ksur li qed jiġi attribwit lill-imputat huwa dak tal-ksur tal-kondizzjoni li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest. Madanakollu però meta wieħed jifli sew id-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Lulju 2018, jirriżulta li fl-imsemmi Digriet imkien ma' hemm kondizzjoni speċifika imposta fuq l-imputat fis-sens li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest. L-uniku riferiment li jista' hemm għal tali kondizzjoni partikolari, ossia li ma jitwettaqx reat ieħor ta' natura volontarja fil-perijodu ta' ħelsien mill-arrest, huwa fejn fid-Digriet jingħad *li jagħmel tajjeb għal dawn il-kondizzjonijiet kif ukoll għal dawk li tgħid il-Liġi fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 billi jiddepożita s-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) taħt l-awtorità ta' din il-Qorti kif ukoll jintrabat b'garanzija personali ta' għaxart elef euro (€10,000).*

Il-kondizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 579, naturalment oltre dawk imposti mill-Qorti fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest, huma dawk elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, illi jipprovdi li: *jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni*

---

[68] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2018, fol. 103 tal-proċess.
[69] Dok. "FF" a fol. 104 sa' 113 tal-proċess.
[70] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2019, fol. 338 u 339 tal-proċess.
[71] Dok. "SC1" a fol. 340 sa' 367 tal-proċess.

*imposta fil-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jku meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu: Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjon imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

Dan il-provvediment tal-Liġi però kif ukoll id-Digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Lulju 2018, jorbtu l-ksur ta' tali kondizzjoni - ossia t-twettiq ta' reat ta' natura volontarja tul il-perijodu tal-ħelsien mill-arrest - ma telfien tal-garanzija a favur il-Gvern ta' Malta u mhux ukoll mal-kummissjoni ta' reat li jekk l-imputat jinstab ħati tieħu jista' jeħel il-piena ai termini tal-Liġi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fin-nuqqas ta' kondizzjoni speċifika fid-Digriet tal-Qorti Kriminali datat 19 ta' Lulju 2018, li timponi fuq l-imputat l-obbligazzjoni li ma jwettaqx reat ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest, ma jistax jitqies li l-imputat kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk imposti fuqu mill-Qorti Kriminali u konsegwentement għalhekk ma jistax jinstab ħati tar-reat previst fl-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm l-Artikolu 579(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għall-possibilità ta' sanzjoni għall-ksur ta' xi waħda jew iktar tal-kondizzjonijiet hemm elenkati, fosthom il-kondizzjoni li ma jitwettaqx reat ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest, il-Qorti hi tal-fehma li dak l-artikolu tal-Liġi ma jistax u ma għandux jiġi applikat f'dawn il-proċeduri - għad illi hekk indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu - u dana billi s-sanzjoni hemm kontemplata tispetta lill-Qorti li quddiemha huma pendenti l-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat u mhux lill-Qorti quddiem min tressaq akkuzat bir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest tiegħu.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.
Naturalment una volta l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat u għar-ri-arrest immedjat tiegħu u għall-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu fl-ammont ta' €5,000 u l-garanzija fl-ammont ta' €10,000, prefissi fl-imsemmi Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest datat 19 ta' Lulju 2018.

**Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv meta ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex din il-Qorti tittratta dwar il-ħtija tiegħu kif maħsub fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

- Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tristan Falzon** datata 26 ta' Settembru 2018[72] li biha Tristan Falzon instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ġie ikkundannat sentejn priġunerija;
- Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tristan Falzon** datata 14 ta' Settembru 2013[73], li biha Tristan Falzon instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ġie ikkundannat għal tmintax-il xahar priġunerija;
- Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tristan Falzon** datata 10 ta' Marzu 2016[74], li biha Tristan Falzon instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed taħt Ordni ta' Probation u Servizz għal perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunità billi jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt (100) siegħa; u
- Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tristan Falzon** datata 3 ta' Jannar 2018[75], li biha Tristan Flazon instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza.

Minn dawn is-sentenzi huwa immedjatament evidenti li s-sentenza pronunċjata fis-26 ta' Settembru 2018 bl-ebda mod ma tista' titqies li tikkostitwixxi prova li l-imputat irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-istess sentenza ġiet pronunċjata wara li l-imputat wettaq ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

In kwantu rigwarda s-sentenzi pronunċjati fl-10 ta' Marzu 2016 u fit-3 ta' Jannar 2018, dawn ukoll ma jistgħux jitqiesu għall-finijiet ta' reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li fiż-żmien tat-twettiq tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri kemm l-Ordni ta' Probation u Servizz kif ukoll il-liberta kondizzjonata kienu għadhom qed jiddekorru b'dana għalhekk li ma jistax jitqies li s-sentenza imposta fuqu ġiet skontata.

Jirriżulta għalhekk li l-unika sentenza li tista' u għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet ta' reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tristan Falzon** deċiża fl-14 ta' Settembru 2013. Fir-rigward ta' din is-sentenza xehed l-Ispettur Roderick Agius, li kien l-uffiċjal prosekutur f'dawk il-proċeduri, illi kkonferma li l-imsemmija sentenza ingħatat fil-konfront ta' l-imputat odjern. F'dawk il-proċeduri l-imputat kien ġie akkużat u instab ħati *inter alia* tar-reat ta' serq aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati anke tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u li tagħhom qed jinstab ħati. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali ta' l-imputat, li hija piuttost kopjuża, iżda ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat kien għen lill-Pulizija sabiex il-vettura ta' l-għamla Citroen Berlingo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBU-447 tinsab u b'hekk tiġi rkuprata.

---

[72] Dok. "SF1" a fol. 90 sa' 95 tal-proċess.
[73] Dok. "RA1" a fol. 120 u 121 tal-proċess.
[74] Dok. "RA2" a fol. 122 sa' 125 tal-proċess.
[75] Fol. 126 sa' 134 tal-proċess.

**Decide:**

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 42(d), 43, 49, 50, 261(ċ)(e)(f), 267, 269(g), 270, 271(g), 279(b), 280(1), 281(a)(b) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet u s-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) snin u disa' (9) xhur priġungerija effettiva.

Għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jinvoka l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ tali provvediment tal-Liġi ma jistax u ma għandux jiġi applikat. Fl-ewwel lok, kemm l-oġġetti u l-affarijiet misruqa mingħand Pierre Sammut kif ukoll l-vettura ta' l-għamla Citroen Berlingo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EBU-447 misruqa lil Francis Zammit ġew ritornati lill-proprjetarji rispettivi tagħhom. Fit-tieni lok in kwantu rigwarda l-għodda li Francis Zammit jikkontendi li nsterqet mill-vettura tiegħu, ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur ta' tali għodda u għaldaqstant il-Qorti ma tistax tgħaddi biex tillikwida d-danni qual' volta dovuti lill-imsemmi Francis Zammit b'konsegwenza tas-serq ta' l-imsemmija għodda.

Kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll l-Avukat Ġenerali jitolbu għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *meta l-kawża ssir mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkollflimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

Ai termini ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi l-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur is-somma komplessiva ta' €865.02[76] rappreżentanti spejjeż konnessi man-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco f'dawn il-proċeduri.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[76] A tergo ta' fol. 224 tal-proċess u a tergo ta' fol. 287 tal-proċess.